



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13316/21
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0345(NLE)

PECHE 394

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 661 final - ANNEX 2 - 9
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 661 final - ANNEX 2 - 9.

Mehmuż: COM(2021) 661 final - ANNEX 2 - 9



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2021
COM(2021) 661 final

ANNEXES 2 to 9

ANNESI

tal-

Proposta għal Regolament tal-Kunsill

li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

ANNEX II

SFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-LINGWATA FIL-FLIEGU TAL-PUNENT FID-DIVIŻJONI 7e TAL-ICES

Kapitolu I Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kamp ta' applikazzjoni
- 1.1. Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar, li jkollhom abbord jew li jutilizzaw xbieki tat-tkarkir bi travu, b'daqs tal-malji ta' 80 mm jew aktar, u xbieki statiċi, inkluż għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'daqs tal-malji ta' 220 mm jew inqas, f'konformità mar-Regolament (EU) 2019/472, u li jkunu preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES.
- 1.2. Il-bastimenti li jistadu bi xbieki statiċi b'daqs tal-malji ta' 120 mm jew aktar u li għal kull sena jkunu rreġistraw qabdiet ta' inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż ħaj, matul it-tliet snin preċedenti, skont ir-reġistrazzjonijiet tas-sajd tagħhom, għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2019, tali bastimenti ikunu qabdu inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż ħaj;
 - (b) tali bastimenti ma jittrasbordawx ħut lejn bastiment ieħor meta jkunu fuq il-baħar;
 - (c) sal-31 ta' Lulju 2022 u l-31 ta' Jannar 2023, kull Stat Membru kkonċernat għandu jħejji rapport lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet tal-lingwata li jkunu ġew irreġistrati minn dawk il-bastimenti fit-tliet snin preċedenti kif ukoll dwar il-qabdiet tal-lingwata fl-2022.

Fejn xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ma tiġix issodisfata, minnufih il-bastimenti kkonċernati ma għandhomx ikomplu jkunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "raggruppament ta' rkapti" tfisser ir-raggruppament li jikkonsisti miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li ġejjin:
 - (i) xbieki tat-tkarkir bit-travu ta' qies ta' 80mm jew aktar; u
 - (ii) xbieki statiċi, inkluż għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'daqs tal-malji ta' 220 mm jew inqas;
- (b) "irkaptu regolat" tfisser kwalunkwe waħda miż-żewġ kategoriji ta' rkapti li hija parti mir-raggruppament ta' rkapti;
- (c) "iż-żona" tfisser id-diviżjoni 7e tal-ICES;
- (d) "perijodu attwali ta' ġestjoni" tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2022 sal-31 ta' Jannar 2023.

3. LIMITAZZJONI FL-ATTIVITÀ

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu regolat, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fl-Unjoni għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux iżjed mill-għadd ta' jiem stipulat fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

Kapitolu II

Awtorizzazzjonijiet

4. BASTIMENTI AWTORIZZATI

- 4.1 Stat Membru ma għandux jawtorizza s-sajd bi rkaptu regolat fiż-żona minn kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u li ma jkollux attività tas-sajd bħal din irreġistrata fiż-żona fil-perijodu mill-2002 sal-2018, għajr l-attivitajiet tas-sajd irreġistrati bħala riżultat tat-trasferiment ta' jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm jiżgura li l-kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex għas-sajd f'dik iż-żona.
- 4.2 Madankollu, bastiment li kemm-il darba jkun uża rkaptu regolat, jista' jkun awtorizzat juża rkaptu tas-sajd differenti, sakemm l-għadd ta' jiem allokat għal dan it-tip ta' rkaptu tal-aħħar ikun ikbar jew ugwali għall-għadd ta' jiem allokat għall-irkaptu regolat.
- 4.3 Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu l-ebda kwota fiż-żona ma għandux ikun awtorizzat jistad fiż-żona bi rkaptu regolat, sakemm dak il-bastiment ma jkunx ingħata kwota wara trasferiment kif permess f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u ma jkunx allokat jiem fuq il-baħar f'konformità mal-punt 10 jew 11 ta' dan l-Anness.

Kapitolu III

Għadd ta' jiem preżenti fiż-żona allokat lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

5. GĦADD MASSIMU TA' JIEM

Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat huwa stabbilit fit-Tabella I.

Tabella I

Għadd massimu ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona skont il-kategorija tal-irkaptu regolat matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni

Irkaptu regolat	Għadd massimu ta' jiem	
Xbieki tat-tkarkir bi travu, b'daqs tal-malji ≥ 80 mm	Il-Belġju	pm
	Franza	pm
Xbieki statiċi, b'daqs tal-malji ta' ≤ 220 mm	Il-Belġju	pm
	Franza	pm

6. SISTEMA TAL-KILOWATT-JIEM

- 6.1. Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, Stat Membru jista' jiġġestixxi l-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd tiegħu f'konformità ma' sistema tal-kilowatt-jiem. Permezz ta' dik is-sistema, l-Istat Membru jista' jawtorizza lil kwalunkwe bastiment ikkonċernat minn kwalunkwe rkaptu regolat kif stipulat fit-Tabella I, biex ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li jkun differenti minn dak stipulat f'dik it-Tabella, sakemm jiġi rispettat l-ammont totali ta' kilowatt-jiem li jkun jikkorrispondi għall-irkaptu regolat.
- 6.2. L-ammont totali ta' kilowatt-jiem għandu jkun is-somma tal-isforzi individwali kollha tas-sajd li ġew allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat u li kkwalifikaw għall-irkaptu regolat. Tali sforzi individwali tas-sajd għandhom jiġu kkalkulati f'kilowatt-jiem billi tiġi mmultiplikata l-qawwa tal-magna ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li l-bastiment kien jibbenefika minnu, f'konformità mat-Tabella I, li kieku l-punt 6.1 ma ġiex applikat.
- 6.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mis-sistema msemija fil-punt 6.1 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, għall-irkaptu regolat kif stabbilit fit-Tabella I, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu bbażat fuq:
- (a) il-lista tal-bastimenti awtorizzati jistadu, billi jiġi indikat in-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;
 - (b) l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizzjalment ikun ġie awtorizzat jistad f'konformità mat-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnu bl-applikazzjoni tal-punt 6.1.
- 6.4. Abbażi ta' dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet imsemija fil-punt 6 ġewx issodisfati u, fejn applikabbli, tista' tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex jibbenefika mis-sistema msemija fil-punt 6.1.
- ## 7. ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI GĦALL-WAQFIEN PERMANENTI TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD
- 7.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lil Stat Membru għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu li jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat, abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew fil-perijodu preċedenti ta' ġestjoni, f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) No 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jew mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008². Il-waqfiet permanenti li jirriżultaw minn kwalunkwe ċirkostanza oħra jistgħu jitqiesu mill-Kummissjoni skont il-każ, wara talba bil-miktub u debitament motivata mill-Istat Membru kkonċernat. Talba bil-miktub bħal din għandha tidentifika l-bastimenti kkonċernati u għal kull wiehied mill-bastimenti għandha tikkonferma li qatt mhuma ser jerġgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd.
- 7.2. L-isforz tas-sajd li jkun sar fl-2003, imkejje l f'kilowatt-jiem, mill-bastimenti rtirati li jużaw raggruppament partikolari ta' rkapti, għandu jiġi diviż bl-isforz tas-sajd li jkun sar mill-bastimenti kollha li użaw dak ir-raggruppament ta' rkapti matul l-2003. Sussegwentement l-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149 20.5.2014, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jithegġegħ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Komunità Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 1).

proporzjon miksub b'dan il-mod bl-għadd ta' jiem li jkunu ġew allokati f'konformità mat-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dak il-kalkolu għandha titqarreb għall-eqreb jum sħiħ.

- 7.3. Il-punti 7.1 u 7.2 ma għandhomx japplikaw meta bastiment ikun ġie ssostitwit f'konformità mal-punt 4.2, jew meta l-irtirar ikun diġà ntuża fis-snin preċedenti sabiex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.
- 7.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 7.1 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Ġunju tal-perijodu attwali ta' ġestjoni, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu għar-raggruppamenti tal-irkapti kif stabbilit fit-Tabella I, li jkunu bbażati fuq:
- (a) il-listi tal-bastimenti rtirati bin-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;
 - (b) l-attività tas-sajd eżerċitata minn tali bastimenti fl-2003, ikkalkulata f'jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppament ta' rkapti tas-sajd.
- 7.5. Matul il-perijodu attwali ta' ġestjoni, Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid kwalunkwe jum addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jkun għad fadal fil-flotta tiegħu u li kkwalifikaw għall-irkaptu regolat jew lil parti minnhom.
- 7.6. Meta l-Kummissjoni talloka jiem addizzjonali fuq il-baħar minħabba waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd matul il-perijodu preċedenti ta' ġestjoni, l-għadd massimu ta' jiem għal kull Stat Membru u għal kull irkaptu stabbilit fit-Tabella I għandu jiġi aġġustat skont dan għall-perijodu attwali ta' ġestjoni.
8. ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI GĦAT-TITJIB TAL-KOPERTURA TAL-OSSERVATORI XJENTIFIĊI
- 8.1. Il-Kummissjoni, abbażi ta' programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi bi sħubija bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd, tista' talloka tlett ijiem addizzjonali lil Stat Membru bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Jannar 2023 li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat. Tali programm għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli tal-iskartar tal-ħut u fuq dak li jkun fihom il-qabdiet u jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-*data*, kif stipulat fir-Regolament (EU) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu għall-programmi nazzjonali.
- 8.2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ.
- 8.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1 għandu jressaq deskrizzjoni tal-programm imtejjeb tiegħu għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.
- 8.4. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi mressaq minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli japplikah mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

³ Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1).

Kapitolu IV

Ġestjoni

9. OBBLIGU ĠENERALI

L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

10. PERIJODI TA' ĠESTJONI

- 10.1. Stat Membru jista' jaqşam il-jiem ta' preżenza fiż-żona stipulati fit-Tabella I f'perijodi ta' ġestjoni ta' durata ta' xahar kalendarju jew iktar.
- 10.2. L-għadd ta' jiem jew ta' sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona matul perijodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.
- 10.3. Fejn Stat Membru jawtorizza li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu preżenti fiż-żona bis-sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 9. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri li ħa miżuri prekawżjonarji biex jiġi evitat li jkun hemm konsum eċċessiv ta' jiem fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment ikun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona qabel tmiem il-perijodu ta' 24 siegħa.

Kapitolu V

Skambji tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

11. TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STAT MEMBRU

- 11.1. Stat Membru jista' jippermetti li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jittrasferixxi l-jiem li fihom bastiment ikun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-għadd ta' jiem li bastiment ikun irċieva mmultiplikar bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (kilowatt-jiem) ikun daqs ir-riżultat tal-għadd ta' jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur immultiplikar bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts jew inqas minnu. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.
- 11.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona li ġie ttrasferit f'konformità mal-punt 11.1, immultiplikar bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment donatur irreġistrati fiż-żona, kif ivverifikat mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd fl-2001, fl-2002, fl-2003, fl-2004 u fl-2005, immultiplikati bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.
- 11.3. It-trasferiment tal-jiem f'konformità mal-punt 11.1 għandu jkun permess bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu regolat u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.
- 11.4. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Il-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u għat-trażmissjoni ta' dak it-tagħrif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 52 (2) ta' dan ir-Regolament.

12. TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STATI MEMBRI DIFFERENTI

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta'jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u għall-istess żona bejn kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bnadar tagħhom sakemm il-punti 4.1, 4.3, 5, 6 u 10 japplikaw. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu jawtorizzaw tali trasferiment, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel ma jsir it-trasferiment, bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż l-għadd ta'jiem li jrid jiġi trasferit, l-isforz tas-sajd u, fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd relatati magħhom.

Kapitolu VI

Obbligi ta' rappurtar

13. RAPPORT DWAR L-ISFORZ TAS-SAJD

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem li hija ż-żona definita fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

14. ĠBIR TAD-DATA RILEVANTI

Kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru t-tagħrif dwar l-isforz tas-sajd totali uttilizzat fiż-żona mill-bastimenti li jużaw irkapti tal-irmonk u irkapti statiċi, l-isforz eżerċitat fiż-żona mill-bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu u l-qawwa tal-magna ta' dawk il-bastimenti f'kilowatt-jiem, abbażi tat-tagħrif li ntuża għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness.

15. KOMUNIKAZZJONI TAD-DATA RILEVANTI

Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu spreadsheet lill-Kummissjoni bid-*data* speċifikata fil-punt 14 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz xieraq tal-posta elettronika, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni tagħrif dettaljat dwar l-isforz allokat u kkunsmat tas-sajd li jkopri l-perijodi kollha ta' ġestjoni tal-2020 u tal-2021, jew partijiet minnhom, billi jużaw il-format tad-*data* speċifikat fit-Tabelli IV u V.

Tabella II

Format tar-rapportar tat-tagħrif dwar il-kW-jiem skont il-perijodu ta' ġestjoni

Stat Membru	Irkaptu	Perijodu ta' ġestjoni	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

Tabella III

Format tad-*data* tat-tagħrif dwar il-kW-jiem skont il-perijodu ta' ġestjoni

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ⁽¹⁾ X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO alfa-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ⁽¹⁾ X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(3) Perijodu ta' ġestjoni	4		Sena fil-perijodu mill-perijodu ta' ġestjoni tal-2006 sal-perijodu ta' ġestjoni attwali
(4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	L	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd f'kilowatt-jiem li ġie uttilizzat mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Jannar tal-perijodu rilevanti ta' ġestjoni
⁽¹⁾ It-tagħrif rilevanti għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> bil-format ta' tul fiss.			

Tabella IV

Format tar-rappurtar għat-tagħrif relatat mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Irkaptu nnotifikat				Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)				Trasferiment tal-jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	...	Nru 1	Nru 2	Nru 3	...	Nru 1	Nru 2	Nru 3	...	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)

Tabella V

Format tad-*data* għat-tagħrif relatat mal-bastimenti

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ⁽¹⁾ X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO alfa-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) CFR	12		Numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR)

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ⁽¹⁾ X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
			Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi ISO alfa-3) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (disa' karattri). Fejn serje jkollha inqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3) Immarkar estern	14	X	Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ⁴
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	X	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ⁽¹⁾ X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(5) Irkaptu nnotifikat	2	X	Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(6) Kondizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	X	Għadd ta'jiem li fihom il-bastiment huwa eliġibbli skont l-Anness II għall-għażla tal-irkaptu u għat-tul tal-perijodu ta' ġestjoni nnotifikat
(7) Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	X	Għadd ta'jiem li l-bastiment tassew qatta' preżenti fiż-żona u li fihom uża rkaptu li jikkorrispondi mal-irkaptu nnotifikat matul il-perijodu nnotifikat ta' ġestjoni
(8) Trasferimenti ta' jiem	4	X	Għall-jiem ittrasferiti indika “– l-għadd ta' jiem ittrasferiti” u għall-jiem irċevuti indika “+ l-għadd ta' jiem ittrasferiti”
⁽¹⁾ It-tagħrif rilevanti għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> bil-format ta' tul fiss.			

ANNEX III


ŻONI TA' ĠESTJONI GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FID-DIVIŻJONIJIET 2a, 3a TAL-ICES U FIS-SUBŻONA 4 TAL-ICES

Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES li huma stabbiliti fl-Anness IA, iż-żoni ta' ġestjoni li fihom japplikaw il-limiti ta' qbid huma ddefiniti kif stabbilit f'dan l-Anness u fl-Appendiċi tiegħu:

Żona ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell	Rettangoli statistiċi tal-ICES
1r	31–33 E9–F4; 33 F5; 34–37 E9–F6; 38–40 F0–F5; 41 F4–F5
2r	35 F7–F8; 36 F7–F9; 37 F7–F8; 38–41 F6–F8; 42 F6–F9; 43 F7–F9; 44 F9–G0; 45 G0–G1; 46 G1
3r	41–46 F1–F3; 42–46 F4–F5; 43–46 F6; 44–46 F7–F8; 45–46 F9; 46–47 G0; 47 G1 and 48 G0
4	38–40 E7–E9 and 41–46 E6–F0
5r	47–52 F1–F5
6	41–43 G0–G3; 44 G1
7r	47–52 E6–F0

Appendiċi

Żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell



ANNEX IV

GĦELUQ STAĠJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-BAKKALJAW LI JKUN QED IBID

Iż-żoni indikati fit-tabella ta' hawn taħt għandhom jingħalqu għall-irkapti kollha, minbarra l-irkaptu pelaġiku (tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir), matul il-perijodu identifikat:

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perijodu	Kumment addizzjonali
1	Stanhope ground	60° 10' N - 01° 45' E 60° 10' N - 02° 00' E 60° 25' N - 01° 45' E 60° 25' N - 02° 00' E	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	
2	Long Hole	59° 07,35' N - 0° 31,04' W 59° 03,60' N - 0° 22,25' W 58° 59,35' N - 0° 17,85' W 58° 56,00' N - 0° 11,01' W 58° 56,60' N - 0° 08,85' W 58° 59,86' N - 0° 15,65' W 59° 03,50' N - 0° 20,00' W 59° 08,15' N - 0° 29,07' W	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	
3	Coral edge	58° 51,70' N - 03° 26,70' E 58° 40,66' N - 03° 34,60' E 58° 24,00' N - 03° 12,40' E 58° 24,00' N - 02° 55,00' E 58° 35,65' N - 02° 56,30' E	Mill-1 ta' January sat-28 ta' Frar	

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perijodu	Kumment addizzjonali
4	Papa Bank	59° 56' N - 03° 08' W 59° 56' N - 02° 45' W 59° 35' N - 03° 15' W 59° 35' N - 03° 35' W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
5	Foula Deep	60° 17,50' N - 01° 45' W 60° 11,00' N - 01° 45' W 60° 11,00' N - 02° 10' W 60° 20,00' N - 02° 00' W 60° 20,00' N - 01° 50' W	Mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru	
6	Egersund Bank	58° 07,40' N - 04° 33,00' E 57° 53,00' N - 05° 12,00' E 57° 40,00' N - 05° 10,90' E 57° 57,90' N - 04° 31,90' E	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	(10 x 25 mili nawtiċi)
7	Lvant ta' Fair Isle	59° 40' N - 01° 23' W 59° 40' N - 01° 13' W 59° 30' N - 01° 20' W 59° 10' N - 01° 20' W 59° 30' N - 01° 28' W 59° 10' N - 01° 28' W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
8	West Bank	57° 15' N - 05° 01' E 56° 56' N - 05° 00' E 56° 56' N - 06° 20' E 57° 15' N - 06° 20' E	Mill-1 ta' Frar sal-15 ta' Marzu	(18 x 4 mili nawtiċi)

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perijodu	Kumment addizzjonali
9	Revet	57° 28,43' N - 08° 05,66' E 57° 27,44' N - 08° 07,20' E 57° 51,77' N - 09° 26,33' E 57° 52,88' N - 09° 25,00' E	Mill-1 ta' Frar sal-15 ta' Marzu	(1,5 x 49 mili nawtiċi)
10	Rabarberen	57° 47,00' N - 11° 04,00' E 57° 43,00' N - 11° 04,00' E 57° 43,00' N - 11° 09,00' E 57° 47,00' N - 11° 09,00' E	Mill-1 ta' Frar sal-15 ta' Marzu	Lvant ta' Skagen (2,7 x 4 mili nawtiċi)

ANNESS V

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

PARTI A

**GĦADD MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI LI JISTADU FL-ILMIJIET
TA' PAJJIŻI TERZI**

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
L-ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N	pm	DK	pm	pm
			DE	pm	
			FR	pm	
			IE	pm	
			NL	pm	
			PL	pm	
			SE	pm	

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N	pm	DE	pm	pm
			IE	pm	
			ES	pm	
			FR	pm	
			PT	pm	
			Mhux allokata	pm	
	L-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 62° 00' N	pm	DK	pm	pm
1, 2b ⁽¹⁾	Sajd għas-snow crab bin-nases	pm	EE	pm	Mhux applikabbli
			ES	pm	
			LV	pm	
			LT	pm	
			PL	pm	
⁽¹⁾ L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Svalbard hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.					

II-PARTI B

GĦADD MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI LI JISTADU FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Stat tal-Bandiera	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
In-Norveġja	Aringa, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N	pm	pm
Venezwela ⁽¹⁾	Snappers (l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża)	pm	pm
⁽¹⁾ Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, trid tingħata prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża, u li dan jinkludi l-obbligu li mill-inqas 75 % mill-qabdiet kollha tal-isnapper mill-bastiment ikkonċernat jinħattu l-art f'dak id-dipartiment sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta' dik l-impriża. Tali kuntratt irid jiġi approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, li għandhom jiżguraw li huwa konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriża kontraenti tal-ipproċessar kif ukoll mal-għanijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana Franċiża. Mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkun hemm meħmuża kopja tal-kuntratt li tkun debitament approvata. Fejn tali approvazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni dwar din iċ-ċaħda u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.			

ANNEX VI

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT¹

1. Għadd massimu ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku

Spanja	pm
Franza	pm
L-Unjoni	pm

2. Għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni tas-sajd artiġjanali kostali li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Mediterran

Spanja	pm
Franza	pm ²
L-Italja	pm
Ċipru	pm ²
Malta	pm ²
L-Unjoni	pm

3. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut

Kroazja	pm
L-Italja	pm
L-Unjoni	pm

4. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

¹ In-numri li jidhru fil-punti 1, 2 u 3 jistgħu jitnaqqsu sabiex ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

² Dan l-għadd jista' jiżdied jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun jiġi sostitwit minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzizzjiet f'konformità mat-Tabella A fil-punt 4 ta' dan l-Anness la darba dik it-tabella tiġi stabbilita.

Din it-tabella ser tiġi stabbilita wara li l-ICCAT tkun approvat il-pjan tas-sajd tal-Unjoni fl-2022, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u r-regoli tal-Unjoni applikabbli.

5. Għadd massimu ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran awtorizzat minn kull Stat Membru³

Stat Membru	Għadd ta' nases ⁴
Spanja	pm
L-Italja	pm
Il-Portugall	pm

6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms	Kapaċità (f'tunnellati)
Spanja	pm	pm
L-Italja	pm	pm
Greċja	pm	pm
Ċipru	pm	pm
Kroazja	pm	pm
Malta	pm	pm

Tabella B⁵

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati) ⁶	
Spanja	pm
L-Italja	pm

³ In-numri fit-taqsimha 5 jiġu adattati fid-dawl tal-pjanijiet tas-sajd sottomessi mill-Istati Membri sal-31 ta' Jannar 2022 għall-approvazzjoni mill-Bord 2 tal-ICCAT.

⁴ Din iċ-ċifra tista' tiġi mmodifikata fuq talba tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/1627, sakemm l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jiġu issodisfati.

⁵ Il-kapaċità totali tat-trobbija ta' 500 tunnellata għall-Portugall (korrispondenti għal 350 tunnellata ta' kapaċità input tat-trobbija) hija koperta mill-kapaċità mhux użata tal-Unjoni mniżżla fit-Tabella A.

⁶ In-numri fit-Tabella B fit-taqsimha 6 jiġu adattati fid-dawl tal-pjanijiet tat-trobbija sottomessi mill-Istati Membri sal-31 ta' Jannar 2022.

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati) ⁶	
Greċja	pm
Ċipru	pm
Kroazja	pm
Malta	pm
Il-Portugall	pm

7. Id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri tal-ġhadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru awtorizzati jistadu għall-alongha tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 520/2007 għandha tkun kif ġej:

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti
L-Irlanda	50
Spanja	730
Franza	151
Il-Portugall	310

8. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona ta' Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun dan li ġej:

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun	Għadd massimu ta' bastimenti bil-konzijiet
Spanja	23	190
Franza	11	
Il-Portugall		79
L-Unjoni	34	269

ANNEX VII

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

Is-sajd esploratorju għall-pixxisinna fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għall-2021/2022 għandu jkun limitat għal li ġej:

Tabella A

Stati Membri awtorizzati, subżoni u għadd massimu ta' bastimenti

Stat Membru	Subżona	Għadd massimu ta' bastimenti
Spanja	48.6	pm
Spanja	88.1	pm

Tabella B

TACs u limiti tal-qabdiet aċċessorji

It-TACs stabbiliti fit-tabella hawn taħt, adottati mis-CCAMLR, mhumiex allokatati lill-membri tas-CCAMLR u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhuwiex determinat. Is-Segretarjat tas-CCAMLR jimmonitorja l-qabdiet u jikkomunika lill-Partijiet Kontraenti meta is-sajd għandu jieqaf minħabba li jkunu ġew eżawriti t-TACs

Subżona	Reġjun	Staġun	SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)	Limitu ta' qbid għall-Pixxisinna tal-Antartiku (<i>Dissostichus mawsoni</i>) (f'tunnellati)/SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)	Limitu ta' qbid (f'tunnellati)/subżona sħiħa għall-Pixxisinna tal-Antartiku (<i>Dissostichus mawsoni</i>)	Limitu tal-qabdiet aċċessorji (f'tunnellati)/SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)		
						Rebekkini u raj (<i>Rajiformes</i>)	Grenadieri (<i>Macrourus</i> spp.) ¹	Speċijiet oħra
48.6	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2021 sat-30 ta' Novembru 2022.	48.6_2	pm	pm	pm	pm	pm
			48.6_3	pm		pm	pm	pm
			48.6_4	pm		pm	pm	pm
			48.6_5	pm		pm	pm	pm

¹ Fiż-żona 88.1, fejn il-qabda ta' grenadieri (*Macrourus* spp.) li tittieħed minn bastiment uniku fi kwalunkwe żewġ perijodi ta' għaxart (10) ijiem (jiġifieri mill-jum 1 sal- jum 10, mill-jum 11 sal-jum 20, jew mill-jum 21 sal-aħħar jum tax-xahar) fi kwalunkwe SSRU tkun aktar minn 1 500 kg f'kull perijodu ta' għaxart (10) ijiem u tkun aktar minn 16 % tal-qabda ta' Pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus* spp.) minn dak il-bastiment f'dik l-SSRU, il-bastiment għandu jwaqqaf is-sajd f'dik l-SSRU għall-bqija tal-istaġun.

Subżona	Reġjun	Staġun	SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)	Limitu ta' qbid għall-Pixxisinna tal-Antartiku (<i>Dissostichus mawsoni</i>) (f'tunnellati)/SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)	Limitu ta' qbid (f'tunnellati)/subżona sħiħa għall-Pixxisinna tal-Antartiku (<i>Dissostichus mawsoni</i>)	Limitu tal-qabdiet aċċessorji (f'tunnellati)/SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)		
						Rebekkini u raj (<i>Rajiformes</i>)	Grenadier (<i>Macrourus</i> spp.) ¹	Speċijiet oħra
88.1.	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022	A, B, C, G ²	pm	pm ³	pm	pm	pm
			G, H, I, J, K ⁴	pm		pm	pm	pm
			Żona Speċjali tar-Riċerka fiż-żona tal-baħar protetta tar-Reġjun tal-Baħar ta' Ross	pm		pm	pm	pm

² Iż-żoni kollha barra ż-żona tal-baħar protetta tar-Reġjun tal-Baħar ta' Ross u fit-Tramuntana ta' 70° S.

³ L-ispeċi fil-mira hija Pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*). Kull Pixxisinna Patagonjan (*Dissostichus eleginoides*) maqbud għandu jingħadd mal-limitu ta' qbid globali ta' Pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*).

⁴ Iż-żoni kollha barra ż-żona tal-baħar protetta tar-Reġjun tal-Baħar ta' Ross u fin-Nofsinhar ta' 70° S.

Appendiċi

Parti A

Koordinati tal-blokok ta' riċerka 48.6

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_2

54° 00' S 01° 00' E

55° 00' S 01° 00' E

55° 00' S 02° 00' E

55° 30' S 02° 00' E

55° 30' S 04° 00' E

56° 30' S 04° 00' E

56° 30' S 07° 00' E

56° 00' S 07° 00' E

56° 00' S 08° 00' E

54° 00' S 08° 00' E

54° 00' S 09° 00' E

53° 00' S 09° 00' E

53° 00' S 03° 00' E

53° 30' S 03° 00' E

53° 30' S 02° 00' E

54° 00' S 02° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_3

64° 30' S 01° 00' E

66° 00' S 01° 00' E

66° 00' S 04° 00' E

65° 00' S 04° 00' E

65° 00' S 07° 00' E

64° 30' S 07° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_4

68° 20' S 10° 00' E

68° 20' S 13° 00' E

69° 30' S 13° 00' E

69° 30' S 10° 00' E

69° 45' S 10° 00' E

69° 45' S 06° 00' E

69° 00' S 06° 00' E

69° 00' S 10° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_5

71° 00' S 15° 00' W

71° 00' S 13° 00' W

70° 30' S 13° 00' W

70° 30' S 11° 00' W

70° 30' S 10° 00' W

69° 30' S 10° 00' W

69° 30' S 09° 00' W

70° 00' S 09° 00' W

70° 00' S 08° 00' W

69° 30' S 08° 00' W

69° 30' S 07° 00' W

70° 30' S 07° 00' W

70° 30' S 10° 00' W

71° 00' S 10° 00' W

71° 00' S 11° 00' W

71° 30' S 11° 00' W

Lista tal-unitajiet ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRUs)

Reġjun	SSRU	Linja tal-konfini
88.1	A	Minn 60° S 150° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 65° S, lejn il-Punent sa 150° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	B	Minn 60° S 170° E, lejn il-Lvant sa 179° E, lejn in-Nofsinhar sa 66° 40' S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 60° S 179° E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° W, lejn it-Tramuntana sa 66° 40' S, lejn il-Punent sa 179° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	D	Minn 65° S 150° E, lejn il-Lvant sa 160° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	E	Minn 65° S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 68° 30' S, lejn il-Punent sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	F	Minn 68° 30' S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 68° 30' S.
	G	Minn 66° 40' S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn in-Nofsinhar sa 70° 50' S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 66° 40' S.
	H	Minn 70° 50' S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50' E, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S.
	I	Minn 70° S 178° 50' E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn it-Tramuntana sa 70° S.
	J	Minn 73° S mal-kosta qrib 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50' E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S.
	K	Minn 73° S 178° 50' E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 76 ° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn it-Tramuntana sa 73 ° S.
	X	Minn 76° S 178° 50' E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn it-Tramuntana sa 76° S.
	M	Minn 73° S mal-kosta qrib 169° 30'E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S.

PARTI B

NOTIFIKA TAL-INTENZJONI TA' PARTEĊIPAZZJONI F'ATTIVITÀ TAS-SAJD GĦALL-KRILL (*EUPHAUSIA SUPERBA*)

Informazzjoni ġenerali

Membru:.....

Staġun tas-sajd:

Isem il-bastiment:.....

Livell mistenni ta' qabda (tunnellati):.....

Kapaċità tal-ipproċessar ta' kuljum tal-bastiment: (tunnellati ta' piż ħaj):

Subżoni u diviżjonijiet maħsuba għas-sajd

Din il-miżura ta' konservazzjoni tapplika għan-notifiki tal-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill fis-subżoni 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 u fid-diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2. L-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill f'subżoni u f'diviżjonijiet oħra jridu jiġu nnotifikati skont il-Miżura ta' Konservazzjoni 21-02 (2019) tas-CCAMLR.

Subżona/diviżjoni	Immarka l-kaxxi xierqa
48.1	☐
48.2	☐
48.3	☐
48.4	☐
58.4.1	☐
58.4.2	☐

- Teknika tas-sajd: Immarka l-kaxxi xierqa
- ☐ Tkarkir konvenzjonali
 - ☐ Sistema kontinwa ta' sajd
 - ☐ Ippompjar biex titbattal il-manka
 - ☐ Metodu ieħor (jekk jogħġbok speċifika)

Tipi ta' prodotti u metodi għall-istima diretta tal-piż ħaj tal-krill maqbud

Tip ta' prodott	Metodu għall-istima diretta tal-piż ħaj tal-krill maqbud, fejn rilevanti (irreferi għall-Anness 21-03/B) ⁽¹⁾
Iffriżat sħiħ	
Mgħolli	
Ħut mitħun	
Żejt	
Prodotti oħra (jekk jogħġbok speċifika)	
⁽¹⁾ Jekk il-metodu mhuwiex imniżżel fl-Anness 21-03/B, jekk jogħġbok iddeskrivi fid-dettall.	

Konfigurazzjoni tax-xibka

Qisien tax-xibka	Xibka 1		Xibka 2		Xibka/Xbieki oħra	
Fetħa tax-xibka (bokka)						
Fetħa vertikali massima (m)						
Fetħa orizzontali massima (m)						
Ċirkonferenza tax-xibka fil-bokka ⁽¹⁾ (m)						
Erja tal-bokka (m ²)						
Daqs medju tal-malji tal-panew tax-xibka ⁽³⁾ (mm)	Ta' barra ⁽²⁾	Ta' ġewwa ⁽²⁾	Ta' barra ⁽²⁾	Ta' ġewwa ⁽²⁾	Ta' barra ⁽²⁾	Ta' ġewwa ⁽²⁾
L-ewwel panew						
It-tieni panew						
It-tielet panew						
...						
Il-panew finali (manka)						
⁽¹⁾ Mistenni fil-kondizzjonijiet operazzjonali.						
⁽²⁾ Daqs tal-malji ta' barra, u tal-malji ta' ġewwa meta tintuża inforra.						

Qisien tax-xibka	Xibka 1	Xibka 2	Xibka/Xbieki oħra
(3)	Qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01 (2019) tas-CCAMLR.		

Dijagramma/i tax-xibka/xbieki:

Għal kull xibka li tintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tax-xibka, irreferi għad-dijagramma rilevanti tax-xibka fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Monitoraġġ u l-Ġestjoni tal-Ekosistemi (WG-EMM). Id-dijagramma jew dijagrammi tax-xbieki jridu jinkludu:

1. It-tul u l-wisa' ta' kull panew tax-xibka tat-tkarkir (f'biżżejjed dettall biex jippermetti l-kalkolu tal-angolu ta' kull panew fir-rigward tal-fluss tal-ilma).
2. Id-daqs tal-malji tax-xibka (il-qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01 (2019) tas-CCAMLR, l-għamla (eż. għamla ta' djamant) u l-materjal (eż. polipropilen).
3. In-nisġa tal-malji tax-xbieki (eż. bl-għoqiedi, fużi).
4. Id-dettalji tan-naffara li jintużaw fix-xibka tat-tkarkir (id-disinn, il-post fuq il-panewijiet, indika "l-ebda" jekk ma jintużawx naffara);

Apparat ta' esklużjoni tal-mammiferi tal-baħar

Dijagramma(i) tal-apparat:

Għal kull tip ta' apparat li jintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tal-apparat, irreferi għad-dijagramma rilevanti fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-WG-EMM.

Il-ġbir tad-*data* akustika

Agħti t-tagħrif dwar l-ekosondi u s-sonars li jintużaw mill-bastiment

Tip (eż. ekosondi, sonar)			
Manifattur			
Mudell			
Frekwenzi tat-transdjusers (kHz)			

Il-ġbir tad-*data* akustika (deskrizzjoni ddettaljata):

Iddeskrivi l-passi li ser jittieħdu biex tinġabar id-*data* akustika sabiex jingħata tagħrif dwar id-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-krill (*Euphausia superba*) u ta' speċijiet pelaġiċi oħra bħall-myctophids u s-salps (SC-CAMLR-XXX, paragrafu 2.10).

LINJI GWIDA GĦALL-ISTIMA TAL-PIŻ ĦAJ TAL-KRILL MAQBUD

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Volum tat-tank tal-ħażna	$W * L * H * \rho * 1\,000$	W = il-wisa' tat-tank	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		L = it-tul tat-tank	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni volum għal massa	kg/litru
		H = il-fond tal-krill fit-tank	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	m
Flussimetru ⁽¹⁾	$V * F_{krill} * \rho$	V = il-volum tal-krill u tal-ilma flimkien	Speċifiku għar-refgħa ⁽¹⁾	Osservazzjoni diretta	litru
		F_{krill} = il-frazzjoni tal-krill fil-kampjun	Speċifiku għar-refgħa ⁽¹⁾	Korrezzjoni tal-volum tal-flussimetru	-
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni volum għal massa	kg/litru

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Flussimetru ⁽²⁾	$(V \cdot \rho) - M$	V = il-volum tal-pejst tal-krill	Speċifiku għar-refgħa ⁽¹⁾	Osservazzjoni diretta	litru
		M = l-ammont ta' ilma miżjud fil-proċess, ikkonvertit għal massa	Speċifiku għar-refgħa ⁽¹⁾	Osservazzjoni diretta	kg
		ρ = id-densità tal-pejst tal-krill	Varjabbli	Osservazzjoni diretta	kg/litru
Skala tal-flussi	$M \cdot (1 - F)$	M = il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien	Speċifiku għar-refgħa ⁽²⁾	Osservazzjoni diretta	kg
		F = il-frazzjoni tal-ilma fil-kampjun	Varjabbli	Korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi	-
Tilar	$(M - M_{\text{tray}}) \cdot N$	M_{tray} = il-massa tat-tilar vojta	Kostanti	Osservazzjoni diretta qabel is-sajd	kg
		M = il-massa medja tal-krill u tat-tilar flimkien	Varjabbli	Osservazzjoni diretta, qabel l-iffriżar, bl-ilma mneħħi	kg
		N = in-numru ta' tilari	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	-
Konverżjoni għal ħut mitħun	$M_{\text{meal}} \cdot \text{MCF}$	M_{meal} = il-massa tal-ħut mitħun li ġie prodott	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	kg
		MCF = il-fattur ta' konverżjoni għall-ħut mitħun	Varjabbli	Konverżjoni ta' ħut mitħun għal krill sħiħ	-

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Volum tal-manka	$W \cdot H \cdot L \cdot \rho \cdot \pi / 4 \cdot 1\,000$	W = il-wisa' tal-manka	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		H = l-għoli tal-manka	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni volum għal massa	kg/litru
		L = it-tul tal-manka	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	m
Oħrajn	Jekk jogħġbok speċifika				
⁽¹⁾ Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perijodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu. ⁽²⁾ Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perijodu ta' sagħtejn meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.					

Passi u frekwenza tal-osservazzjonijiet

Volum tat-tank tal-ħażna

Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u t-tul tat-tank tal-ħażna (jekk it-tank mhuwiex ta' għamla rettangolari, jista' jkun meħtieġ kejl addizzjonali; preċiżjoni ± 0.05 m)
Kull xahar ⁽¹⁾	Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mit-tank tal-ħażna
Kull refgħa	Kejjel il-fond tal-krill fit-tank (jekk il-krill jinżamm fit-tank bejn ir-refgħat, kejjel id-differenza fil-fond; preċiżjoni $\pm 0,1$ m) Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Flussimetru ⁽¹⁾	
Qabel is-sajd	Kun ċert li l-flussimetru qiegħed ikejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar)
Aktar minn darba fix-xahar ⁽¹⁾	Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa (ρ) derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-flussimetru
Kull refgħa ⁽²⁾	Ikseb kampjun mill-flussimetru u: – kejjel il-volum (eż. 10 litri) tal-krill u tal-ilma flimkien, – agħmel stima tal-korrezzjoni tal-volum tal-flussimetru derivata mill-volum tal-krill mingħajr l-ilma Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Flussimetru⁽²⁾

Qabel is-sajd

Kun ċert li ż-żewġ flussimetri (wieħed għall-prodott tal-krill u wieħed għall-ilma miżjud) ikunu kkalibrati (jiġifieri, juru l-istess kejl korrett)

Kull ġimgħa⁽¹⁾

Agħmel stima tad-densità (ρ) tal-prodott tal-krill (il-pejst mitħun tal-krill) billi tkejjel il-massa ta' volum magħruf tal-prodott tal-krill (eż. 10 litri) meħuda mill-flussimetru korrispondenti

Kull refgħa⁽²⁾

Ara l-kejl taż-żewġ flussimetri, u kkalkula l-volumi totali tal-prodott tal-krill (il-pejst mitħun tal-krill) u tal-ilma miżjud; id-densità tal-ilma meqjusa li hija ta' 1 kg/litru

Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Skala tal-flussi

Qabel is-sajd

Kun ċert li l-iskala tal-flussi qiegħda tkejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar)

Kull refgħa⁽²⁾

Ikseb kampjun wieħed mill-iskala tal-flussi u:

– kejjel il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien,

– agħmel stima tal-korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma

Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Tilar

Qabel is-sajd

Kejjel il-massa tat-tilar (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, kejjel il-massa ta' kull tip; preċiżjoni $\pm 0,1$ kg)

Kull refgħa

Kejjel il-massa tal-krill u tat-tilar flimkien (preċiżjoni $\pm 0,1$ kg)

Għodd in-numru ta' tilari użati (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, għodd in-numru ta' tilari ta' kull tip)

Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Konverżjoni għal ħut mitħun

Kull xahar ⁽¹⁾	Agħmel stima tal-konverżjoni ta' ħut mitħun għal krill sħiħ billi tipproċessa bejn 1 000 u 5 000 kg (il-massa mingħajr l-ilma) ta' krill sħiħ
Kull refgħa	Kejjel il-massa tal-ħut mitħun li ġie prodott Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Volum tal-manka	
Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u l-għoli tal-manka (preċiżjoni ± 0.1 m)
Kull xahar ⁽¹⁾	Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-manka
Kull refgħa	Kejjel it-tul tal-manka li jkun fiha l-krill (preċiżjoni ± 0.1 m) Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

⁽¹⁾ Jibda perijodu ġdid ladarba l-bastiment imur lejn subżona jew diviżjoni ġdida.

⁽²⁾ Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perijodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

ANNESS VIII:

ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	pm	pm
Franza	pm	pm
Il-Portugall	pm	pm
L-Italja	pm	pm
L-Unjoni	pm	pm

2. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad u għall-alongha fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	pm	pm
Franza	pm ⁽¹⁾	pm
Il-Portugall	pm	pm
L-Unjoni	pm	pm
⁽¹⁾ Din iċ-ċifra ma tinkludix bastimenti reġistrati f'Mayotte; tista' tizzied fil-ġejjieni f'konformità mal-pjan ta' żvilupp tal-flotta ta' Mayotte.		

3. Il-bastimenti msemija fil-punt 1 għandhom ikunu awtorizzati wkoll jistadu għall-pixxispad u għall-alongha fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.
4. Il-bastimenti msemija fil-punt 2 għandhom ikunu awtorizzati wkoll jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

ANNEX IX

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	pm
L-Unjoni	pm

Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	pm
L-Unjoni	pm